

— tikkundanna lil Europol għall-ispejjeż, inkluż is-salarju tar-rappreżentant.

Rikors ippreżentat fid-9 ta' Ottubru 2012 — ZZ vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-113/12)

(2013/C 26/144)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappreżentanti: L. Levi, A. Tymen, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett

Annullament tad-deċiżjoni li ma tinkludix lir-rikorrent fil-lista ta' riserva tal-kompetizzjoni EPSO/AD/204/10.

Talbiet tar-rikorrent

— jannulla d-deċiżjoni tal-20 ta' Jannar 2012 li ma tinkludix lir-rikorrent fil-lista ta' riserva tal-kompetizzjoni EPSO/AD/204/10;

— jannulla d-deċiżjoni tas-6 ta' Lulju 2012 li tiċħad l-ilment tar-rikorrent;

— jikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż kollha.

Rikors ippreżentat fil-10 ta' Ottubru 2012 — ZZ vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-114/12)

(2013/C 26/145)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Partijiet

Rikorrenti: ZZ (rappreżentant: P. K. Rosiak, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett

Annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li permezz tagħha r-rikorrenti ġiet miċħuda l-għoti tal-allowance tal-espatrijazzjoni.

Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Lulju 2012, li permezz tagħha ġie miċħud l-għoti tal-allowance tal-espatrijazzjoni fl-Italja lir-rikorrenti.

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fil-15 ta' Ottubru 2012 — ZZ vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża F-115/12)

(2013/C 26/146)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappreżentant: G. Cipressa, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett

Annullament tad-deċiżjoni impliċita li tiċħad it-talba għall-kumpens tad-dannu li r-rikorrent jiddikjara li soffra minħabba ittra mibgħuta mill-Kummissjoni li tikkonċerna l-irkupru ta' kreditu ta' EUR 4 875 relatati mal-ispejjeż li r-rikorrent kien ikkundannat iħallas mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-Kawża T-241/03.

Talbiet tar-rikorrent

— jannulla ċ-ċaħda, fi kwalunkwe forma, tat-talba tad-19 ta' Lulju 2011;

— jannulla ċ-ċaħda, fi kwalunkwe forma, tal-ilment tad-19 ta' Frar 2012 imressaq kontra d-deċiżjoni li tiċħad it-talba tad-19 ta' Lulju 2011;

— *quatenus oportet*, jannulla n-nota tat-12 ta' Ġunju 2012, miktuba bil-Franċiż, li fuq in-naħa ta' fuq tal-lemin tal-ewwel paġna mill-ħames paġni tagħha tinkludi r-referenza "Ref. Ares (2012)704847 — 13.6.2012";

— jikkundanna lill-Kummissjoni sabiex tħallas lir-rikorrent is-somma ta' EUR 5 500, flimkien mal-interessi ikkalkolati fuq din is-somma bir-rata ta' 10 % fis-sena, b'kapitalizzazzjoni annwali, mill-20 ta' Lulju 2011 u sal-pagament effettiv ta' din tal-aħħar;

— jikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.